# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis, 1 ta' Marzu, 2018**

**Rikors Numru : 463/2017 JPG**
**Kawza Numru :16**

**APS Bank LTD (C2192)**

**VS**

**Avukat Dr.Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala Kuraturi Deputati nominati permezz ta' dikriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili datat 16 ta' Frar 2017 biex jirraprezentaw lill-assenti ALESSIO MUSCAT (Karta ta' l-Identita' numru 200785M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-risposta guramentata tal- APS Bank Ltd (C2192), datat 25 ta' Mejju 2017, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk:

*1.Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas–sena elfejn u tmienja (2008) (anness bhala Dokument A), il-Bank rikorrenti ikkonceda lill-intimat ALESSIO MUSCAT facilita' ta' self tas-somma ta' hamsa u sebghin elf u seba' mitt Euro (€75,700), taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kollha imsemmija u pattwiti fl-istess kuntratt u kif ukoll fis-"Sanction Letter" relattiva (annessa bhala Dokument B).*

*2. Illi inoltre, fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Bank rikorrent ikkonceda wkoll lill-istess intimat ALESSIO MUSCAT self iehor tas-somma ta' elfejn u mitejn euro (€2,200).*

*3. Illi inoltre, l-imtimat ALESSIO MUSCAT, huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti tas-somma ta' elf hames mija u wiehed u tmenin Euro u tnienja u erbghin centezimu, (€1581.48) rappezenatanti bilanc ta' debitu ("encroachment") ta' Kont Kurrenti numru 2000048303-5.*

*4. Illi l-intimat ALESSIO MUSCAT jinsab moruz u inadempjenti fl-obligazzjonijiet u pagamenti minnu pattwiti permezz tal-precitat kuntratt notarili (Dokument A) u permezz tas-"Sanction Letter" relattiva (Dokument B) u nfatti l-intimat kiser l-"Events of Default" stipulati u pattwiti fl-istess kuntratti notarili u "Sanction Letter".*

*5. Illi inoltre l-intimat ALESSIO MUSCAT gie interpellat diversi drabi sabiex jottempera ruhu mal-obligazzjonijiet tieghu in konnessjoni mal-fuq imsemmija facilitajiet/debiti u dana anke permezz ta' zewg ittri annessi bhala Dokumenti C u D u kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali (annessa bhala Dokument E), izda xorta wahda baqa' inadempjenti.*

*6. Illi l-bilanc ta' debitu dovut illum mill-intimat ALESSIO MUSCAT lill-Bank rikorrenti, skont il-facilitajiet fuq imsemmija, jammonta ghas-somma ta' mija u tmintax il-elf u mitejn u erbgha u erbghin Euro u tmenin centezmu (€118,244.80), dovuta kwantu ghas-somma ta' €79,610.12 bhala bilanc ta' debitu ta' "Loan Account" numru 2000065663-9 (Dokument F), kwantu ghas-somma ta' €2,488.63 bhala bilanc ta' debitu ta' "Loan Account" numru 2000084112-0 (Dokument G),*

*kwantu ghas-somma ta' €1,581.48 bhala bilanc ta' debitu ("encroachment") ta' Kont Kurrenti numru 2000048303-5 (Dokument H), kwantu ghas-somma ta' €33,147.86 bhala bilanc ta' debitu ta' "Interest Disposal Account" numru 2000111357-9 (Dokument I), kwantu ghas-somma ta €1,055.58 bhala bilanc ta' debitu ta' "Interest Disposal Account" numru 2000173864-0 (Dokument J) u kwantu ghas-somma ta' €361.13 bhala bilanc ta' debitu ta' "Interest Disposal Account" numru 2000111355-7 (Dokument K), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Jghidu ghalhekk il-Kuraturi Deputati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1) Tiddikjara illi l-intimat ALESSIO MUSCAT huwa moruz u inadempjenti fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti stante l-kiser u ma osservax l-"Events of Default" stipulati u pattwiti fil-kuntratt notarili relattiv (Dokument A) u fis-"Sanction Letter" relattiva (Dokument B) u ghalhekk tilef kull beneficcju tat-terminu lilhu koncess; u*

*2) Tikkundanna lill-intimat ALESSIO MUSCAT ihallas lis-socjeta' rikorrenti l-imsemmija somma ta' mija u tmintax il-elf u mitejn u erbgha u erbghin Euro u tmenin centezmu (€118,244.80), dovuta kwantu ghas-somma ta' €79,610.12 bhala bilanc ta' debitu ta' "Loan Account" Numru 2000065663-9 (Dokument F), kwantu ghas-somma ta' €2,488.63 bhala bilanc ta' debitu ta' "Loan Account" numru 2000084112-0 (Dokument G), kwantu ghas-somma ta' €1,581.48 bhala bilanc ta' debitu ("encroachment") ta' Kont Kurrenti numru 2000048303-5 (Dokument H), kwantu ghas-somma ta' €33,147.86 bhala bilanc ta' debitu ta' "Interest Disposal Account" numru 2000111357-9 (Dokument I), kwantu ghas-somma ta €1,055.58 bhala bilanc ta' debitu ta' "Interest Disposal Account" numru 2000173864-0 (Dokument J) u kwantu ghas-somma ta' €361.13 bhala bilanc ta' debitu ta' "Interest Disposal Account" numru 2000111355-7 (Dokument K), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjes kollha kontra l-intimat ALESSIO MUSCAT inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma dan ir-Rikors Guramentat, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Jannar 2017 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-imsemmi intimat, mill-llum ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat id-digriet taghha, tas- 17 ta' Awwissu 2016, fejn APS Bank Ltd gie orndat biex jghazlu kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Alessio Muscat fl'ittra ufficjali nru. 2702/2016. (Vide fol 27)

Rat ir-rikors datat 11 ta' Awwissu 2016, fejn is-socjeta' rikorrenti ipprezentaw Ittra Ufficjali kontra l-imsemmi Alessio Muscat (Karta ta' l-Identita' numru 200785M). (Vide fol 28).

Rat id-digriet taghha, tas- 16 ta' Frar 2017, fejn il-Qorti innominat lill-Avukat Dr.Josette Sultana LL.D u lill-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi. (Vide fol 50)

Rat id-digriet taghha bl-atti relattivi mir-rikors ipprezentat mill-atturi fil-25 ta' Mejju 2017, datat 8 ta' Gunju 2017. (Vide fol 51).

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Josette Sultana [ID 510271M] et, datat 21 ta' Gunju 2017, a fol 54, et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju tal-proceduri jekk ikun il-kaz.*

2. *Salv eccezjonijiet ulterjuri.*

Rat in-nota tal-Bank rikorrenti APS Bank Ltd datata 5 ta' Lulju 2017, fejn biha iddikjaraw li gew notifikati bid-digriet moghti fit-8 ta' Gunju 2017. (Vide fol 57);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta tal- Hamis l-1 ta' Frar, Dr.Meilak u Dr. Sultana irrimettu ruhhom ghall-atti u iddikjaraw li ma kellhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu. (Vide fol 60);

**Ikkonsidrat :**

Mix-xhieda tar-rappresentant tal-Bank attur Marvic Gauci jirrizulta illi Alessio Muscat kien inghata diversi facilitajiet bankarji u li ma onorax l-obbligi tieghu biex b'hekk kien moruz fil-pagamenti ghal zmien konsiderevoli.
Irrizulta illi l-Bank attur ghandu jiehu s-somma ta' €118,244.80 liema somma tinkludi imghax semplici mahduma bi tmienja fil-mija (8%).

Mix-xhieda kondotta mill-Bank attur irrizulta illi l-Bank kien interpella lill-initimat Alessio Muscat permezz ta' diversi ittri. (Vide DoK C a fol 20, Dok D a fol 21, Dok E ittra ufficjali a fol 23).
Di piu'il-Bank attur ezebixxa l-istatment bankarju tal-facilitajiet li gew moghtija lill-intimat kif jidher minn Dok F sa Dok K. (Vide 32 sa 99).
Marvic Gauci xhed di piu' illi mid-data tal- intavolar tal-kawza sad-data ta' meta xhed, l-intimat Muscat ma ghamel ebda pagament ulterjuri.

Il-Kuratur Deputat Dr.Sultana informat lill-Qorti li ma rnexxilhiex taghmel kuntatt mal-intimat Alessio Muscat.

**Il-Qorti wara li rat u ezaminat l-atti kollha tal-kawza, tqis illi l-Bank attur rnexxielu jipprova il- kaz tieghu skond il-ligi.**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeciedi billi, waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, tilqa' t-talbiet tal-Bank attur.**

**Bl-ispejjez kontra l-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**